MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 1264/1991/2

**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Doris May mart William Mounfield**

**v.**

**Angelo Xuereb bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Ta’ Kella Ltd, u Tonio Farrugia bhala Chairman u John Montague, David Mc Monies, Robin Schooley-West u Rob Aitken bhala membri tal-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club in rapprezentanza tal-istess; u b’digriet tal-11 ta’ Ottubru, 1993 Dr. Raymond Pace u P.L. Hilda**

**Ellul Mercer gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Robin Schooley-West u Robin Aitken; u b'digriet tal-24 ta' Marzu 1999 stante li Dr. Raymond Pace gie elevat ghall-gudikatura, gie nominat Dr. Joseph Azzopardi minfloku; u b'digriet tal-25 ta' Frar 1994 gie kjamat-in-kawza Albert Muscat in rapprezentanza tas-socjetà Suncrest Co. Limited; u b'nota tal-4 ta' Mejju 1994 Dottor Patrick Galea assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Suncrest Co. Limited minflok Albert Muscat li jinsab imsiefer; u b'nota tad-9 ta' Mejju 1994 Albert Muscat assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Suncrest Co. Ltd.**

**Il-Qorti**:

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell li jittratta dwar l-obbligi u r-responsabilitajiet tal-lukandier fil-konfront ta' l-alloggjat u dwar it-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghal azzjoni ghad-danni istitwita mill-alloggjat fil-konfront tal-lukandier.

2. L-appell odjern gie intavolat minn zewg sentenzi pronuncjati mill-Ewwel Qorti: is-sentenza dwar it-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni attrici u determinazzjoni tar-responsabilità ghall-incident li sehh fil-11 ta' Awissu 1987 u konsegwenti korriment ta' Doris May Mounfield, moghtija fit-<u>3 ta' Lulju 2003</u>, u s-sentenza fejn gew likwidati d-danni dovuti lill-attur nomine b'konsegwenza ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni, li nghatat fl-<u>1 ta' Gunju 2006</u>.

3. Il-fatti li taw lok ghall-azzjoni odjerna huma, brevement, is-segwenti:

- L-azzjoni attrici giet intavolata konsegwenti ghal incident li Doris May Mounfield kellha fil-lukanda Sunny Coast il-Qawra, waqt li kienet miexja vicin is-*swimming pool* tal-lukanda. Dan l-incident sehh fil-11 ta' Awissu 1987;

- Fiz-zmien ta' l-incident Doris May Mounfield u zewgha William Mounfield kienu sidien ta' *timeshare accommodation* f'Tennerife u allaccjat ma' l-iskema tat-*timeshare* taghhom kellhom il-possibilità li jiskambjaw l-appartament li kellhom gewwa Tennerife ma' appartament f'pajjiz iehor;

- Fl-1986 il-konjugi Mounfield iddecidew li jiskambjaw l-appartament taghhom gewwa Tennerife ma' iehor hawn Malta ghall-btala taghhom ta' l-1987. L-arrangamenti ghal dan l-iskambju saru tramite l-RCI Exchange Bureau;

- Il-konjugi Mounfield flimkien ma' binhom Craig waslu Malta fis-7 ta' Awissu 1987 u gew alloggjati fil-lukanda Sunny Coast fil-Qawra, proprjetà tas-socjetà Ta' Kella Limited, illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited;

- Fil-11 ta' Awissu 1987 il-konjugi Mounfield kienu jinsabu fil-*lido* tal-lukanda Sunny Coast u ghall-habta ta' nofsinhar, waqt li kienu mixjin vicin is-*swimming pool*, Doris May Mounfield zelqet u waqghet mal-art, bil-konsegwenza li sofriet griehi personali ta' natura gravi;

- Doris May Mounfield iddiregiet il-pretensjonijiet taghha ghall-hlas tad-danni minnha sofferti b'konsegwenza tal-korriment li garrbet f'dan l-incident fil-konfront tas-socjetà Ta' Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) bhala proprietarja tal-lukanda Sunny Coast u tal-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club bhala l-entità li tiehu hsieb l-interessi ta' dawk li ghandhom *timeshare* fir-Resort, jew ta' min minnhom, billi kienet qed izzommhom, jew lil min minnhom, responsabbli ghall-istess;

- Kemm Ta' Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) kif ukoll il-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club mill-ewwel cahdu kwalunkwe responsabilità fil-konfront ta' Doris May

Mounfield ghall-incident taghha, u rrespingew it-talbiet taghha ghall-hlas tad-danni minnha sofferti b’konsegwenza ta’ l-imsemmi incident;

- Doris May Mounfield kienet ghalhekk kostretta tistitwixxi, tramite l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali taghha, il-proceduri odjerni fil-konfront tas-socjeta` Ta’ Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) u l-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club;

- Fil-mori tal-proceduri irrizulta li l-*lido* fejn sehh l-incident, ghalkemm di proprjeta` tas-socjeta` Ta’ Kella Limited (illum maghrufa bhala Holiday Resorts Limited), kien fiz-zmien ta’ l-incident operat mis-socjetà Sunotel Limited, sussegwentement amalgamata fis-socjetà Suncrest Co. Limited. Din is-socjetà giet kjamata in kawza permezz ta’ digriet datat 25 ta’ Frar 1994.

**<u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>**

4. B’att ta’ citazzjoni pprezentat fl-4 ta’ Novembru 1991 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc, l-attur nomine talab lill-ewwel Qorti sabiex (i) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma solidalment jew xort’ohra jew min minnhom responsabbli ghall-korriment li Doris May Mounfield garrbet fil-11 ta’ Awissu 1987 waqt li kienet hdejn il-*pool* tas-Sunny Coast Resort Club u ghad-danni konsegwenzjali sofferti minnha; (ii) tillikwida dawn id-danni sofferti minn Doris May Mounfield; u (iii) tikkundanna lill-konvenuti, jew lil kull wiehed minnhom *in solidum* jew xorta ohra jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma hekk likwidata bhala danni; bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali prezentati fit-12 ta’ Mejju 1988, 8 ta’ Marzu 1989 u 7 ta’ Marzu 1991, u bl-imghaxijiet legali.

5. B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-22 ta’ Jannar 1992 (fol. 11 tal-atti), Angelo Xuereb bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Ta’ Kella Limited kif ukoll f’ismu personali u ezercenti l-kummerc bl-isem Sunny Coast Resort Club eccepixxa li: (i) Sunny

Coast Resort Club huwa organizzazzjoni regolarment kostitwita (u mhux kummerc esercitat minn Angelo Xuereb) u Angelo Xuereb ma ghandux ir-rappresentanza gudizzjarja taghha; (ii) l-attrici, stante li hija mizzewga, m'ghandiex id-dritt li tfittex u tagixxi wahedha u f'isimha; (iii) l-azzjoni hija preskritta a termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u minghajr pregudizzju li (iv) ma kien hemm l-ebda att ta' kommissjoni jew ommissjoni da parti ta' xi wahda mill-konvenuti li jirrenduhom responsabbli ghad-danni; u (v) ma jista' jkun hemm ebda solidarjetà passiva bejn il-konvenuti.

6. B'nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuriipprezentata fl-20 ta' Mejju 1992 (fol. 26) Angelo Xuereb proprio et nomine et eccepixxa ulterjorment in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kummerc relattivament ghat-talba diretta kontra Sunny Coast Resort Club, li hija enti regolarment kostitwita taht il-ligi ta' *The Isle of Man*, fejn hija legalment domiciljata. Flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu Angelo Xuereb annetta bhala Dok. "X" kopja tal-Kostituzzjoni tal-Club.

7. Fid-dawl ta' l-ewwel eccezzjoni ta' Angelo Xuereb proprio et nomine et, b'digriet datat 28 ta' April 1993 (fol. 50) l-ewwel Qorti ordnat li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, fis-sens li kull fejn jidher il-kliem "Angelo Xuereb f'ismu proprju u bhala ezercenti l-kummerc bl-isem "Sunny Coast Resort Club" jigu sostitwiti bil-kliem "Tonio Farrugia bhala Chairman u John Montague, David Mc Monies, Robin Schooley-West u Rob Aitken bhala membri tal-Managament Committee tas-Sunny Coast Resort Club u in rapprezentanza tal-istess".

8. B'Digriet ta' l-ewwel Qorti datat 11 ta' Ottubru 1993 gew mahtura l-Avukat Dottor Raymond Pace, in segwitu sostitwit mill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi, u l-Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Robin Schooley-West u Rob Aitken fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

9. B’nota ta’ l-eccezzjonijietipprezentata fil-5 ta’ Novembru 1993 (fol. 64) il-Kuraturi Deputati eccipew li ma humiex dedotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrizervaw li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

10. B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fis-7 ta’ Dicembru 1994 (fol. 119) il-Kuraturi Deputati eccipew illi: (i) l-Qorti tal-Kummerc ma ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex l-assenti huma residenti barra minn Malta, ma ghandhom ebda proprjetà Malta u di più jipprezentaw ente regolarment kostitwita u domiciljata fl-*Isle of Man*; din l-eccezzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) l-assenti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika ma’ l-attrici; (iii) l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili; (iv) l-assenti ma ghandhom x’jaqsmu xejn mal-kaz *de quo* u ma ghamlu ebda att jew ommissjoni da parte taghhom li jirrendihom responsabbli; u li (v) ma tezisti ebda solidarjetà mal-konvenuti l-ohra, proprio ghaliex l-assenti personalment ma ghandhom x’jaqsmu xejn.

11. B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-8 ta’ Novembru 1993 (fl. 62) il-konvenuti Tonio Farrugia bhala Chairman, John Montague u David Mc Monies bhala membri tal-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club u in rapprezentanza ta’ l-istess eccipew illi: (i) il-Qorti tal-Kummerc ma ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex is-Sunny Coast Resort Club huwa ente regolarment kostitwit u domiciljat fl-*Isle of Man*; l-eccezzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili; (iii) ma kien hemm ebda att jew ommissjoni da parte taghhom li jirrenduhom responsabbli; u li (iv) ma jista’ jkun hemm ebda solidarjetà passiva bejn il-konvenuti.

12. B’digriet ta’ l-Ewwel Qorti datat 25 ta’ Frar 1994 giet kjamata fil-kawza s-socjetà Suncrest Co. Ltd.

13. B’nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-4 ta’ Mejju 1994 (fol. 77) is-socjetà Suncrest Co. Ltd. eccepiet illi: (i) il-Qorti tal-Kummerc ma ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex

is-Sunny Coast Resort Club huwa ente regolarment kostitwit u domiciljat fl-*Isle of Man*; l-eccezzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; li (ii) is-socjetà eccipjenti ma kellha ebda relazzjoni guridika ma’ l-atturi; li (iii) l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili; li (iv) ma kien hemm ebda att jew ommissjoni da parte tas-socjetà eccipjenti li jirrenduha responsabbli; u (v) ma jista’ jkun hemm ebda solidarjetà passiva bejn il-konvenuti.

**<u>Sentenzi appellati</u>**

14. B’sentenza preliminari moghtija fil-21 ta’ Marzu 1996 (fol. 139) l-ewwel Qorti ttrattat u ddecidiet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ gurisdizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 742 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta sollevata mill-konvenuti f’dawn il-proceduri u l-eccezzjoni li Doris May Mounfield bhala mara mizzewga m’ghandhiex dritt tagixxi wahedha u f’isimha biss, sollevata mill-konvenut Angelo Xuereb nomine.

15. B’dik is-sentenza l-eccezzjonijiet imsemmija gew michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

16. Is-sentenza tal-21 ta’ Marzu 1996 giet ikkonfermata b’sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fis-7 ta’ Ottubru 1997.

17. B’sentenza pronuncjata fit-**3 ta’ Lulju 2003** l-ewwel Qorti ttrattat u ddecidiet: (a) l-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ interess guridiku sollevata mill-Kuraturi Deputati in rapprezentanza ta’ l-assenti Robin Schooley-West u Rob Aitken u minn Tonio Farrugia bhala Chairman u John Montegue u David Mc Monies bhala membri tal-Managament Committee tas-Sunny Coast Resort Club; (ii) l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili sollevata mill-konvenuti kollha; u (iii) l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li jirrelataw ghar-responsabbilità ghall-incident li fih kienet involuta Doris May Mounfield.

18. B’dik is-sentenza l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-imsemmija eccezzjonijiet billi, fl-ewwel lok,

cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili sollevata mill-konvenuti, illiberat lis-Sunny Coast Resort Club u lis-socjetà Suncrest Co. Ltd. mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma irrizultax li huma l-legittimi kontradditturi ta' l-azzjoni attrici, cahdet l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjetà Ta' Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) fis-sens li hi mhux responsabbli ghall-incident, u laqghet in parte l-ewwel talba attrici billi ddikjarat u iddecidiet li s-socjetà Ta' Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) hija responsabbli ghall-korriment li Doris May Mounfield garrbet fil-11 ta' Awissu 1987 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti minnha, bl-ispejjez kollha ta' dik id-decizjoni kontra s-socjetà Ta' Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited).

19. Dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi jirrizulta li l-attrici u zewgha huma sidien ta' *timeshare accomodation* f'Tennerife u fl-1986 iddecidew li jiskambjaw appartament u jigu jqattghu btala hawn Malta. L-arrangamenti mehtiega saru tramite l-RCI Exchange Bureau u fis-7 ta' Awissu, 1987, waslu Malta flimkien ma' binhom Craig; huma gew alloggjati fis-Sunny Coast Resort Club fil-Qawra. Fil-11 ta' Awissu tal-istess sena, ghall-habta ta' nofs inhar, waqt li l-attrici kienet miexja vicin is-*swimming pool* tal-lukanda, zelqet u waqghet mal-art, bil-konsegwenza li sofriet griehi personali ta' natura gravi. L-attrici qed tallega li dan l-incident huwa imputabbli lis-socjeta` konvenuta peress li din ma haditx hsieb tassigura li l-*area* madwar is-*swimming pool* tkun *safe* ghan-nies li juzaw dik l-*area.*

"L-attrici fethet din il-kawza kontra Ta' Kella Limited, il-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club, u s-socjeta` Suncrest Company Limited; gew eccepiti diversi eccezzjonijiet li, fil-qosor, jistghu jigu elenkati kif gej:

A) Li s-Sunny Coast Resort Club hija organizzazzjoni regolarment kostitwita u mhix rappresentata minn Angelo Xuereb;

B) Li l-attrici wahedha, peress li hi mizzewga, ma setghetx tressaq din il-kawza;

C) Li l-azzjoni hi preskritta skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

D) Li l-konvenuti mhux responsabbli ghall-incident;

E) Li, f'kull kaz, ma tezisti ebda solidarjeta` passiva bejn il-konvenuti;

F) Li l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tittratta l-kawza fil-konfront tas-Sunny Coast Resort Club peress li din hi registrata u domiciljata fl-*Isle of Man;*

G) Li s-Sunny Coast Resort Club u s-socjeta` Suncrest Limited m'ghandhom ebda relazzjoni mal-attrici;

"L-ewwel eccezzjoni, immarkat bl-ittra (A), giet ittrattata bid-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' April, 1993, li ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-konvenut biex ir-rappresentanza tas-Sunny Coast Resort Club giet tirrispekkja r-realta` u, b'hekk, din il-Qorti dderimiet din l-ewwel eccezzjoni;

"L-eccezzjonijiet markati bl-ittri (B) u (F) gew trattati u decizi finalment fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru, 1997, li in forza taghha cahdet dawk iz-zewg eccezzjonijiet;

"Baqa', ghalhekk, x'jigi deciz l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (eccezzjoni (C)), u l-eccezzjonijiet l-ohra li bazikament jirrelataw ghar-responsabbilita` ghall-incident. Fid-dawl, pero`, tal-eccezzjoni ta' nuqqas ta' interess guridiku sollevati minn tnejn mill-konvenuti (eccezzjoni (G)), hu mehtieg li, fl-ewwel lok, tigi diskussa dik l-eccezzjoni biex jigi determinat min mill-konvenuti huwa, fil-fatt, il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici.

“Mill-provi jirrizulta li l-kumpless tas-Sunny Coast huwa operat minn Ta’ Kella Limited, waqt li s-Sunny Coast Resort Club jiehu hsieb l-interessi ta’ dawk li ghandhom *time-share* fir-Resort (fol 42 tal-process). L-attrici Doris May Mounfield giet registrata fil-lukanda operata minn Ta’ Kella Limited, u s-servizz lit-turisti tipprovdih is-socjeta` Ta’ Kella Limited (fol. 44). Il-*lido* li fih gara l-incident kien u ghadu proprieta’ ta’ Ta’ Kella Limited, li hu operat, pero`, mis-socjeta` Sunotel Limited li eventwalment amalgamat fis-socjeta` Suncrest Limited (fol.48). Jirrizulta wkoll li s-Sunny Coast Resort Club hu mmexxi minn kumitat (fol.51), u li s-Sunny Coast Holiday Complex huwa registrat mal-awtoritajiet lokali fuq Ta’ Kella Limited (fol.254). Is-Suncrest Limited allura Sunotel Limited, kienet timmaniggja z-zewg *lidos* li kienu jezistu kemm fil-lukanda Suncrest proprja u kemm dak fis-Sunny Coast Complex (fol. 259). Ta’ Kella Limited illum hi maghrufa bl-isem ta’ Holiday Resort Limited u hija s-sid tal-*lido* fejn sehh l-incident (fol. 380).

“Mill-premess jirrizulta li zgur is-Sunny Coast Resort Club, rappresentata f’dawn il-proceduri mill-Kumitat taghha, mhix il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici. Dan huwa club immirat li jiehu hsieb l-interessi tat-turisti li jigu Malt bit-*time-share*, u biex jaraw li dawn jinghataw is-servizz li jkuni intitolati ghalih taht it-*time-share agreement*. Mhux dan il-Club, pero`, jiehu hsieb l-allokazzjoni tat-turisti f’Resort lokali ghax dan isir mill-RCI Exchange Bureau li, kif ikkonfermat l-attrici, kienet hi li hadet hsieb l-*exchange* u li allokat lill-attrici fis-Sunny Coast Resort. Il-Club qieghed hawn bhala *point of reference* biex it-turisti li jigu Malta jkollhom li min javvicinaw f’kaz ta’ ilment, u dan il-Club jghin, bil-kuntatti tieghu, biex dawk l-ilmenti jigu mistharrga. B’dan l-intervent, pero`, il-Club ma tkunx qed tassumi responsabbilita` ghall-kawza tal-ilment. Il-fatt li dan il-Club jghin biex l-ilmenti jigu ndirizzati lis-sors propju, u tuza l-influwenza taghha biex tipprova ssolvi l-ilment, ma jghamilx lil Club ko-responsabbli ghall-allegat nuqqas u, kwindi, taht ebda cirkustanzi ma jista’ jinstab responsabbli ghall-incident li fih wegghet l-attrici.

“Is-socjeta` Ta’ Kella Limited, illum maghrufa taht l-isem Holiday Resort Limited, hija s-sid tal-kumpless fejn gara l-incident u hija l-kumpanija li tipprovdi s-servizzi lit-turisti li jalloggjaw fil-kumpless u fil-lukanda. Is-socjeta` Suncrest Limited hija, tista’ tghid, l-*operating manager,* tas-socjeta` Holiday Resort Limited; fi kliem iehor, din l-ahhar indikata socjeta` hija s-*sub-contractor* tas-socjeta` Holiday Resort Limited, imqabbda minnha biex tipprovdi s-servizzi lit-turisti li din l-ahhar socjeta` taccetta fil-kumpless taghha.

“Kwindi, il-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici ghandha tkun is-socjeta` Ta’ Kella Limited, illum maghrufa bhala Holiday Resort Limited, ghax hija din li taccetta t-turisti u tidhol f’relazzjoni maghhom b’obbligu li taghtihom l-*amenities* u s-servizzi li jkunu ntitolati ghalihom. Il-fatt li dan ix-xoghol taghmlu *tramite sub-contractor* (Suncrest Limited) m’ghandux jinteressa lill-attrici li kkuntrattat biss mas-socjeta` Holiday Resort Limited. Ovvjament, is-socjeta` Suncrest Limied, bhala *sub-contractor*, trid twiegeb ghall-ghemil taghha lil Holiday Resort Limited, u jekk din tal-ahhar, minhabba xi nuqqas tal-operatur, tinsab responsabbli fil-konfront tal-attrici ghall-incident in kwistjoni, hi jkollha dritt ta’ rigress kontra l-operatur, is-*sub-contractor*.

“L-azzjoni attrici hi, ghalhekk, proprjament diretta kontra Holiday Resort Limited, u hija fil-konfront ta’ din is-socjeta` li, issa, irid jigi mistharreg jekk l-azzjoni attrici hijiex preskritta jew le. La darba r-relazzjoni tal-attrici hija mas-socjeta` Holiday Resort Limited, jekk l-azzjoni taghha kontra din is-socjeta` tirrizulta preskritta, l-istess azzjoni ma tkunx tista’ tirnexxi kontra s-*sub-contractor* (ara “Frendo vs Abela et” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Ottubru, 1989 – Vol LXXI.II.601).

“Is-socjeta` Holiday Resort Limited qed tecepixxi li l-azzjoni attrici hi preskritta bi skadenza ta’ sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi b’terminu ta’ sentejn l-azzjonijiet kollha li jirrizultaw minn delitt jew kwazi-delitt, u giet eccepita mis-socjeta` konvenuta peress li, fil-fehma taghha, l-azzjoni attrici hi wahda delittwali (fol.124); l-attrici, da parti taghha, issostni

li l-artikolu ivvakat mhux applikabbli peress li l-azzjoni taghha hi wahda kuntrattwali (fol.130). Dan qed jigi sottomess mill-attrici peress illi f'kaz ta' danni minhabba ksur ta' kuntratt, il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin mhux ta' sentejn (ara "Calafato vs Muscat", deciza fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "Naudi vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "Calleja vs Xuereb", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Aktar ricenti, fil-kawza "Borda vs Arrigo Group of Hotels et", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, gie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' hames snin jekk id-danni huma rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.

"Ghar-rigward ta' kull terminu ta' preskrizzjoni, jinghad, in linea ta' principju, li z-zmien jibda jghaddi minn dak inhar tal-incident u mhux mid-data li fih il-persuna sar jaf li sofra danni; id-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi, allura, determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "Scicluna vs Tracey", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "Caruana vs Runza", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1999).

"Dan it-terminu jista' jkun sospiz f'kaz li jkun hemm impediment ta' dritt, u mhux wiehed ta' fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio* (ara "Attard vs Fenech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 1965, "Xuereb vs Zammit", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1994, u "Chircop vs Muscat", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2000). L-impediment, pero`, m'ghandux ikun wiehed ta' fatt, u l-fatt li l-attrici setghet kellha diffikulta' biex tiddentifika lil min kellha tharrek mhux impediment legittimu li jissospendi l-mixi taz-zmien ta' preskrizzjoni. L-attrici ma kellha ebda impediment legali sabiex tikkawtela l-interessi taghha, u kwindi ma jirrizulta ebda ostakolu legali ghall-ezercizzju tal-azzjoni.

"Mill-provi tal-kawza, f'kaz li tkun applikabbli l-preskrizzjoni invokata ta' sentejn, ghandu jirrizulta li, bhala fatt, dak it-

terminu skada. L-incident sehh fil-11 ta' Awissu, 1987, u l-ewwel Ittra Ufficjali, indirizzata lil Ta' Kella Limited, giet pprezentata fit-8 ta' Marzu, 1989, u la darba din giet prezentata qabel gheluq ta' sentejn mid-data tal-incident, serviet biex interrompiet il-preskrizzjoni, u z-zmien rega' beda ghaddej. Fis-7 ta' Marzu, 1991, giet prezentata Ittra Ufficjali ohra kontra Ta' Kella Limited, u ghalkemm din l-Ittra Ufficjali saret ukoll entro it-terminu ta' sentejn mid-data tal-ewwel Ittra Ufficjali, din it-tieni Ittra Ufficjali ma gietx notifikata lis-socjeta` intimata, u kwindi ma tistax isservi bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni (ara "Registratur tas-Socjetajiet vs Debono", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Ottubru, 1987). Peress li l-kawza giet istitwita fl-4 ta' Novembru, 1991, jirrizulta pruvat li din saret aktar minn sentejn wara d-data ta' l-ewwel Ittra Ufficjali, li, kif inghad kienet giet pprezentata fit-8 ta' Marzu, 1989.

"Stabbilit dan, irid issa, f'dan l-istadju, jigi deciz jekk il-preskrizzjoni invokata hijiex applikabbli jew le, u cioe`, jekk ir-responsabilita` tas-socjeta` konvenuta Holiday Resort Limited (allura, Ta' Kella Limited) hijiex wahda delittwali jew kuntrattwali.

"Kif inghad, ir-responsabbilita` ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita` *contrattuale* u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita` *extra contrattuale* jew *aquiliana.* Dawn iz-zewg tipi ta' responsabbilita` ghad-danni ghandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu *entro* liema l-azzjoni ghad-danni, *nascenti* mit-tip ta' responsabblita' specifika, ghandha tigi istitwita.

"Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita` *contrattuale* l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali

inadempjenza *se mai* rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.

“Fil-kaz ta’ azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita’ *extra-contrattuale* huwa l-attur li ghandu oneru ta’ prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f’tali kaz huwa jrid jipprova n-*nexus* bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert.

“Ir-responsabbilita` ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. <u>Torrente</u> jaghti ezempju car sabiex ikun jista’ jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita` *contrattuale* u n-nuqqas ta’ rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita` *extra contrattuale.*

*““Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e’ sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l’onere di provare non soltanto l’incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti”.* (<u>Torrente & Schlesinger</u> “Manuale Di Diritto Privato”, para. 394 pg 639)

“Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija proprio l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat. Fil-kaz tal-*viaggio in tram* evidentement hemm kuntratt ta’ gar u quindi hemm obbligazzjoni antecedenti ghall-att jew ommissjoni li tat lok ghall-incident, filwaqt li fil-kaz ta’ l-incident l-iehor - dak li jaghti lok ghar-responsabbilita` *extra contrattuale* – ma hemmx din ir-rabta obbligatorja antecedenti ghall-istess incident. In effetti <u>Torrente</u> jispjega illi fl-ambitu tar-responsabbilita` “*extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno.”*

“Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet “<u>Vassallo vs Mizzi et”,</u> deciza fid-9 ta’

April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "*l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita` taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

"L-ezistenza o meno ta' din ir-rabta obbligatorja, oltre li tiddetermina n-natura ta' l-azzjoni ghad-danni tiddetermina wkoll it-terminu entro liema din l-istess azzjoni ghandha tigi istitwita.

"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell wara l-kawza fl-ismijiet "Busuttil vs Schembri", deciza fid-19 ta' Frar 1954, il-Qorti kkunsidrat illi "*l-azzjoni ghad-danni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn meta d-dannu huwa derivanti minn kwazi-delitt, jigifieri fil-kaz ta' kolpa akwiljana; u mhux ukoll fil-kaz ta' kolpa kontrattwali. Huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, pero' biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jehtieg li dik il-kolpa ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk, anki fil-presenza ta' kuntratt, jiddependi mic-cirkostanzi l-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew akwiljana. Jigifieri meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali."*

"Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni relattiva ghall-azzjoni specifika, id-distinzjoni hija wahda semplici – azzjoni ghad-danni relattiva ghar-responsabbilta` *contrattuale* hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' hames snin, filwaqt li azzjoni ghad-danni relattiva ghar-responsabbilita` *extra contrattuale* hija preskritta bid-

dekors ta' terminu ta' sentejn – *entrambe* dekoribbli minn dakinhar li setghet tigi ezercitata l-azzjoni ghad-danni: (ara "Spiteri pro et noe vs Castle" - deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Awissu 1965; u "Busuttil vs Schembri" – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Frar 1954.)

"X'inhi n-natura tar-responsabbilita` tal-lukandier fil-konfront ta' l-alloggjant fid-dawl ta' dawn il-principji guridici?

"L-ewwel u qabel kollox trid tigi kkunsidrata r-rabta li hemm bejn il-lukandier u l-alloggjat.

"Bejn dawn iz-zewg persuni hemm *obbligazzjoni pre-ezistenti* li maghha hija marbuta r-responsabbilita` tal-lukandier fil-konfront ta' l-alloggjat jew inkella jissussisti bejniethom fatt li jaghti lok ghall-htija li titnissel minn dak il-fatt *ex nunc*? Fi kliem Torrente allura, ir-rapport tal-lukandier u ta' l-alloggjat huwa bhal dak tas-sewwieq tat-tram u min jirkeb it-tram, jew inkella tas-sewwieq tat-tram li jtajjar passanti fit-triq u jkun kiser mhux obbligazzjoni pre-ezistenti imma *un dovere generico di contegno*?

"Ir-risposta ghal dan il-kwezit tinstab fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza wara l-kawza fl-ismijiet Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et (fejn Buttigieg kien il-lukandier), deciza fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110)

"F'din is-sentenza l-posizzjoni tal-lukandier *vis-a`-vis* l-alloggjat giet imfissra b'mod ampju tant illi l-Qorti qalet li in effetti min allegatament isofri d-danni jista' addirittura, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, jkollu ghazla bejn zewg azzjonijiet. F'dan il-kaz applikat dan il-principju ghaliex il-mertu kien jittratta dwar mewt ta' tifel minhabba avvelenament ta' *monossido di carbonio* stante installazzjoni difettuza ta' *water heaters.*

"Il-Qorti kkunsidrat illi "*kif sewwa rrileva l-perit legali, bejn il-proprietarju ta' lukanda u l-alloggjat jezisti kuntratt. Il-lukandier implicitament jobbliga ruhu li jaghti servizz tajjeb*

*u, bla dubbju, servizz li ma jarrekax danni lill-alloggjat. Issa l-fatt li l-water heaters kienu bla flue f'kamra zghira u mhux ventilata, hu bizzejjed biex imur kontra* ***l-obbligu kuntrattwali tal-lukandier li jaghti servizz tajjeb. In-nuqqas ta' servizz tajjeb, fih innifsu u bla ebda fattur accidentali, kien tant gravi fil-fatt in ispecie illi kkaguna l-mewt ta' tifel li kien alloggjat fil-lukanda. Ir-responsabbilita' ghad-danni hi ghalhekk derivanti mill-inadempiment tal-kuntratt.***"

"Minn din is-sentenza hu evidenti li r-relazzjoni ta' bejn il-lukandier u l-alloggjat hija bhal dik ta' sid it-tram u l-persuna li tirkeb fuq it-tram biex tmur x'imkien – hemm ghalhekk obbligazzjoni pre-ezistenti ghall-fatt li ta lok ghall-incident li sussegwentement ikkawza id-dannu.

"Pero` hija nteressanti l-esposizzjoni li ghamlet il-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-possibilita` ta' responsabbilita` *extra contrattuale* derivanti minn inadempjenza *contrattuale*, liema sitwazzjoni tista' tirrizulta skond ic-cirkostanzi tal-kaz. In effetti l-Qorti qalet illi "*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita` kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazi-delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale."*

"Hawn wiehed irid joqghod attent li jaghraf minn fejn tirrizulta din ir-responsabbilita`. Huwa fatt li ghandu jkun accettat bla diskussjoni li meta l-lezjoni sehh fuq il-persuna ta' l-alloggjat u mhux fuq il-proprieta` ta' l-istess, il-htija *aquiline,* kemm-il darba tirrizulta, ma tirrizultax mid-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 1039 tal-Kap.16. Lanqas mid-disposizzjonijiet tal-Ligi li jirrendu persuna responsabbli tal-fatt ta' haddiehor, stante li dawn huma fondati fuq presunzjoni legali ta' htija u ghandhom ghalhekk biss jircievu interpretazzjoni ristrettiva. In effetti l-lukandier jista' jinstab hati ghad-dannu li jigi kkawzat minhabba l-htija tieghu min-nuqqas ta' diligenza fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Dina pero` dejjem

ghandha tigi inkwadrata fic-cirkostanzi specifici ta' kull kaz individwali u hawn ghandha biss rilevanza generika.

"Din il-posizzjoni li tidher li hi adoperata wkoll fl-Italja tant li l-gurista Galgano, fit-trattat tieghu, "Diritto Privato" (para. 30.4 pg.553) jghid, "*Il principio e` quello secondo il quale l'imprenditore che, per eseguire la propria prestazione, deve ospitare i clienti nei locali dell'impresa, e` tenuto a predisporre una organizzazzione idonea a garantire l'integrita` e la sicurezza, oltre che della persona del cliente, anche dei beni che egli porta con se`.*"

"Jidher car ghalhekk li r-responsabbilita` principali tal-lukandier fil-konfront ta' l-alloggjat hija dik derivanti mill-kuntratt li hemm ezistenti bejniethom – fejn l-alloggjat jitlob li jigi rez lilu servizz mill-lukandier u l-lukandier jobbliga ruhu li jaghti tali servizz bil-mod korrett. Ghaldaqstant billi r-rabta guridika bejniethom hija dik kontrattwali, hsara kkagunata minn inadempjenza ta' tali obbligu taghti lok ghall-azzjoni ghad-danni fuq bazi ta' responsabbilita` kontrattwali u ghalhekk l-azzjoni relattiva hija preskritta bid-dekors ta' hames snin.

"Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti ghandha tigi michuda.

"Illi fir-rigward tal-meritu tal-incident, jirrizulta li l-koppja Mounfield kienu alloggjati fis-Sunny Coast u, in vista tal-fatt li kienu *guests* hemmhekk, gew provduti b'*pass* biex ikunu jistghu jutilizzaw il-facilitajiet tas-*swimming pool*. Dakinhar tal-incident, il-koppja Mounfield kienu qed juzaw, fil-fatt, is-*swimming pool*, u wara li telghu mill-*pool*, indirizzaw ruhhom lejn is-*shower* peress li kien hemm avviz mal-*pool* li jghid li kull min juza' l-*pool* irid, wara, jiehu *shower*. Fejn timxi ma genb il-*pool* kien kollu mxarrab, izda il-*walk-areas* kienu kollha koperti b'*non slip matting.* Gara, pero`, li f'naha wahda tal-*pool,* kien hemm *slide* ghall-*pool* ezatt f'nofs in-*non slip matting*, b'mod li min irid ikompli jdur u jimxi fl-*area* irid jinqala' 'l barra mal-*walk area* tal-*pool* u jirfes parti li generalment tkun imxarrba izda li ma kienitx koperta b'*non slip matting.* Biex

imorru ghax-*shower* kellhom, ghalhekk, jitilqu l-*area* koperta b'*non slip matting* u jirfsu fuq il-madum imxarrab tal-art. Hekk kif inqalghu minn fejn in-*non slip matting*, u bdew jimxu fuq il-madum imxarrab, l-attrici zelqet u soffriet danni personali. L-ghada li sehh dan l-incident, id-dirigenti tal-lukanda estendew l-*area* koperta bin-*non slip matting*, fis-sens li ziedu bicca ohra wara s-*slide*, b'mod li min ikun miexi mal-*pool,* anke meta jdur minn wara s-*slide*, hu jibqa' ghaddej fuq in-*non slip matting*. L-attrici esebiti ritratti (Dok DM1 a fol 282 tal-process) li ttiehdu l-ghada tal-incident u li juru l-gonta li saret wara s-*slide.* Illum, kif jirrizulta mir-rapport tekniku, flok dak in-*non slip matting,* hem passagg maghmul minn madum tas-siment maghruk, izda mhux lucidat (*rough cement tiles)*, ta' kulur isfar. Fejn dan il-passagg jigi taht is-*slide*, dan jestendi 'l barra, biex ikopri *area* anke wara l-istess *slide*. Il-kumplament tal-arja madwara il-*pool* ghandu madun tat-tip perlato. Il-perit tekniku osserva li dan il-madum ta' madwar il-*pool* ma hux *yard-type,* izda lixx; il-madum huwa maghruk u mhux *polished*, u peress li huwa lixx meta jixxarrab ikun jizloq hafna, minkejja li ma jkunx *polished*. Bil-melh tal-ilma bahar ikun jizloq aktar ghax dan il-melh imxarrab jahdem bhala lubrikant. Il-perit tekniku ikkonkluda li l-madum ta' madwar is-*slide,* fejn sar l-incident, ma kienx ghadu sar mikul (*pitted)* dakinhar tal-incident, u allura ma kienx jirrezisti ghaz-zlieq.

"Minn dawn ir-rizultanzi, isegwi li l-lukanda in kwistjoni ma haditx il-mezzi kollha biex tassigura li l-passagg mill-*pool* ghax-*shower* tkun *safe.* Hallew parti mill-passagg fuq il-madum li jizloq minghajr *matt*, b'mod li min ikun qed jghaddi minn hemm, u, bhala regola, ikun imxarrab, ikun f'periklu li jaqa' u jgarrab griehi kbar kif sehh f'dan il-kaz.

"Il-konvenut Angelo Xuereb xehed li madwar is-*slide* dejjem kien hemm tapit bhal bqija tal-art madwar il-*pool* – qabel ma gie kollox sostitwit b'*concrete raff* – u jichad li kien hemm dik l-*area* minghajr tapit. Il-Qorti, pero', hija aktar propensa li taccetta l-versjoni moghtija mill-attrici u zewgha, specjalment mehud kont tal-fatt li l-attrici ghamlet l-affidavit taghha fl-1990, tlett snin biss wara incident. L-attrici baqghet izomm din il-verzjoni anke f'korrispondenza

li kellha mas-socjeta` assikurattrici taghha. Il-versjoni taghha hija wkoll aktar verosimili, u kieku t-tapit kien, anke dakinhar tal-incident, kif xehed il-konvenut, il-Qorti ma tarax kif u ghaliex l-attrici kellha tizloq. In-*non slip matting* hu intiz biex jevita z-zliq u difficli li persuna tizloq fuqu, anke jekk tkun imxarrba, u fuq bilanc qawwi ta' probabbilita`, il-Qorti taccetta li l-passagg mill-*pool* ghax-*showers* kellu parti nieqsa minn *non slip matting,* u dan bi ksur tal-obbligu tal-lukanda li tipprovdi ambjent sikur u *safe* ghal kull min ikollu access ghal *pool area*.

"Il-konvenut Xuereb jghid ukoll li ghal aktar minn ghoxrin sena qatt ma sehh incident bhal dan. Dan l-argument ma jreggix. Fil-kuntest ta' obbligu ta' sid li jipprovdi *a safe system of work* ghall-impjegati tieghu, din il-Qorti, fil-kawza "Calleja vs Fino", deciza fl-10 ta' Ottubru, 1980, kienet osservat li: "*The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe; the accidenti in question justifies this."* Dan il-principju japplika anke f'dan il-kaz. Iz-zelqa tal-attrici, u l-griehi permanenti kbar li sofriet b'rizultat, jindikaw li s-socjeta` konvenuta naqset li tipprovdi "*una organizzazzione idonea a garantire l'integrita` e la sicurezza ... della persona del cliente"*, u b'rizultat ta' dan il-ksur ta' obbligu da parti taghha, is-socjeta` konvenuta Ta' Kella Limited, illum Holiday Resort Limited, hija responsabbli ghad-danni li sehhew b'konsegwenza ta' dan il-ksur.

"Ir-responsabbilita` ta' dan il-ksur, fil-konfront tal-attrici, hija mixhuta fuq is-socjeta` konvenuta Ta' Kella Limited izda, fil-kuntest tar-relazzjonijiet interni bejn din is-socjeta` u l-operatur taghha, Suncrest Limited, jirrizulta car li r-responsabbilita` ahhari ghandha taqa' fuq din l-ahhar socjeta`, li bhala *sub-contractor* inkarikata li tipprovdi s-servizz li l-kumpanija Ta' Kella obbligat ruhha li toffri, naqset milli tesegwixxi l-inkarigu lilha moghti. Fil-konfront tal-attrici, pero`, m'hemmx responsabbilita` solidali bejn dawn iz-zewg socjetajiet, ghax ir-responsabbilita` ghall-incident hija ta' dik is-socjeta` li kienet ikkuntrattat mal-attrici, u cioe`, is-socjeta` Ta' Kella Limited, illum Holiday Resort Limited.

“Din is-sentenza hija limitata ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabbilita`, b’riserva ta’ smiegh ta’ provi u trattazzjoni ulterjuri dwar il-*quantum* tad-danni.”

20. Billi s-sentenza tat-3 ta’ Lulju 2003 kienet limitata ghad-dikjarazzjoni ta’ responsabbilità ghall-incident u konsegwenti korriment ta’ Doris May Mounfield, b’riserva ta’ smigh ta’ provi u trattazzjoni ulterjuri dwar il-*quantum* tad-danni, l-ewwel Qorti iddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni u decizjoni dwar it-tieni u tielet talbiet attrici, li gew decizi b’sentenza ta’ l-ewwel Qorti pronuncjata fl-**1 ta’ Gunju 2006**.

21. B’din it-tieni sentenza l-Prim Awla laqghet it-tieni u tielet talbiet attrici w ikkundannat lis-socjetà Ta’ Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) thallas lill-attur nomine s-somma ta’ tlieta u sittin elf u seba’ mitt Lira Maltin (Lm63,700) bhala danni, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza li sabet ir-responsabilità, u cioè, mit-3 ta’ Lulju 2003, sal-pagament effettiv. Dwar l-ispejjez tal-kawza l-Ewwel Qorti iddecidiet li dawn, hlief ghal dawk già decizi, jithallsu kollha mis-socjetà Ta’ Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited), hlief ghad-dritt imhallsa lill-Perit Mediku Dr. Anthony Galea Debono li ghandu jibqa’ sopportat mill-attur nomine.

22. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha fis-sentenza ta’ l-1 ta’ Gunju 2006 in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Jirrizulta li meta sehh l-incident, l-attrici kellha 48 sena, u kellha dhul ta’ Stg 12,000 fis-sena, *oltre* hlasijiet ghal-*overtime* jew xoghol li jsir il-Hadd jew f’festi pubblici. Peress li hi kienet *nursing sister* ma kienx l-ewwel darba li kienet tahdem *overtime* jew f’festi pubblici; b’dawn l-extras hi kellha *average income* ta’ Stg 23,000 fis-sena. Hi irtirat mix-xoghol fl-1997, meta ghad kellha 58 sena; hi irtirat minhabba d-dizabilita` li sofriet peress li setghet tkompli tahdem sa ma taghlaq l-eta’ ta’ 65 sena. Qabel ma irtirat, hi kienet tahdem fuq *working week* ta’ 22 siegha flok ta’

37 siegha kif kienet qabel.  Hi giet imgieghla tnaqqas is-sieghat tax-xoghol minhabba d-dizabilita` li kellha, u ghalkemm ippruvat issib xoghol iehor fuq bazi *full-time*, hadd ma ried jimpjegaha minhabba d-dizabilita` taghha.

“Il-Qorti tara li l-attrici, qabel l-incident, kellha xoghol remunerattiv tajjeb, bi potenzjal ta’ avvanzi fil-karriera u ziedet fis-salarju taghha.  Tifhem, *pero*`, li aktar ma jghaddi z-zmien, ma kienx ikun possibbli ghaliha li tkompli tahdem l-*overtime* u l-festi pubblici kif kienet taghmel qabel, anke minhabba l-istress tax-xoghol taghha li bhala mara anzjana ma tkunx tista’ tiflah ghalih bhal qabel. Ghalhekk, meta tqies ic-cirkustanzi tal-kaz, inkluz l-inflazzjoni li kull sena tgerrem fil-qligh ta’ dak li jkun, il-Qorti jidhrilha li ghandha tahdem il-kwantifikazzjoni tal-kumpens fuq salarju anwali ta’ Stg 20,000.

“Dwar il-*multiplier*, meta tqies li l-attrici setghet tahdem b’mod regolari sal-eta’ ta’ 65 sena, izda mehud kont tal-kontingenza tal-hajja futura (ara “Caruana vs Camilleri”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Frar, 2004), il-Qorti sejra tadotta figura ta’ 12.

“Dwar il-percentagg ta’ dizabilita`, jirrizulta li Dr. Charles Gristi kien irrelata li l-attrici kienet ghada tbati minn 10% grad ta’ dizabilita`, waqt li Ms Joan Camilleri, irrellatat li l-attrici kienet tbati minn 25% grad ta’ dizabilita`. Il-Qorti taccetta dawn il-percentaggi. Saret osservazzjoni li d-dizabilita` ikkalkulata minn Ms. Camilleri, ma tirriflettix telf reali, *pero*`, l-Qorti tqis li l-attrici, qabel l-incident, kienet qed taghmel xoghol vokazzjonali, u b’rizultat tal-incident hi giet impeduta li jkollha sodisfazzjon vokazzjonali bhala *nurse*.  Hi tilfet ukoll l-indipendenza taghha, u dawn huma kollha fatturi li jindikaw telf ta’ kwalita` ta’ hajja li ghalihom ghandu jinghata kumpens.

“Dr. Anthony Galea Debono kien irrelata li mil-lat ortopediku l-attrici baqghet tbati minn 50% dizabilita`.  Din il-figura giet kontestata b’talba ta’ periti perizjuri, u dawn, wara li kkunsidraw il-kaz, naqsu l-percentagg bin-nofs, ghal 25%. Il-Qorti thoss li ghandha tistrieh fuq ir-relazzjoni tat-tlett tobba addizzjonali.

“F’kaz li l-vittma ta’ incident ikolli gradi differenti ta’ dizabilita`, il-figura totali ma tkunx it-total ta’ kull percentagg, wiehed maghdud mal-iehor.  F’dawn il-kaz ghandu jigi operat dak maghruf bhala *“weighted average”*. Meta wiehed jikkomputa d-dizabilita` totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni *a priori* li multiplicita` ta’ feriti jigu komputati komplessivament.  Fil-fehma tal-Qorti, f’kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta’ l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali.  Biex waslet ghal dan il-hsieb il-Qorti, tiehu spunt mid-decizjoni “Mark Caruana – vs – Grazio Camilleri”, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 1993 li rriteniet, b’adozzjoni ta’ l-insenjament f’”Butler – vs – Heard”, (Appell Civili, 22 ta’ Dicembru, 1967), illi *“dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta’ nkapacita` f’sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat”*.

“Fuq il-bazi ta’ dan ir-ragjonament, din il-Qorti sejra tadotta rata ta’ 40% ta’ dizabilita`.

“Il-Qorti tinnota li ghal dak li hi l-mizura tad-danni kieku kellhom jigu distillati l-bosta decizjonijiet fir-rigward, apparti l-bosta tentattivi li saru mal-milja taz-zmenijiet biex jigi mfittex il-kriterju tal-kalkolu l-aktar adattat u adegwat, insibu li t-temi l-aktar rikorrenti fihom jorbitaw ma’ l-aspetti tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari (sostrat principali dan tas-subinciz 2 ta’ l-Artikolu 1045), l-kondizzjoni ta’ min sofra d-dannu, ic-*“chances and changes of life”*, elementi innovattivi li jikkollokaw il-kumpens dovut ma’ l-aspettattivi tal-hajja lavorativa u *“fair and reasonable compensation”*;

“Jista’ jinghad ukoll illi f’din l-istess gurisprudenza ma nsibu l-ebda kompensazzjoni perfetta.  Dan johrog bic-car anke minn din l-osservazzjoni ta’ dina l-Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet “Louis Vincenti *nomine et* – vs – Carmelo Micallef”, moghtija fis-17 ta’ Gunju, 1961:

*““Perfezzjoni aritmetika jew pjena u kompleta ad unguem fil-kumpens ma tistghax tigi pretiza, imma tista’ tinghata*

*dik biss li l-Inglizi jsejhu 'fair and reasonable compensation' derivanti mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li umanament hija possibbli"*.

"Kif gja fuq inghad, *del resto* ravvizat ukoll f'bosta sentenzi, *"din id-disposizzjoni necessarjament u logikament thali hafna fid-diskrezzjonali prudenzjali tal-gudikant"* ("Joseph Borg – vs – Dr. Arturo Valenzio *nomine*", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 1972; u "Bugeja vs Borg" deciza wkoll minn din il-Qorti fil-11 ta' Mejju, 1983).

"Ghalhekk il-kumpens dovut lill-atturi bhala *lucrum cessans* ghandu jinhadem hekk:

Stg 20,000 x 12 x 40% = Stg 96,000

"Peress li l-incident sehh fl-1987, mhux lok li jsir tnaqqis minhabba l-fatt li l-hlas sejjer isir f'daqqa (*"lump sum"*).

"Bhala *damnum emergens*, l-attrici qed tirreklama s-somma ta' Stg 5,720 ghal diversi spejjez li kellha taghmel minhabba d-dizabilita` (inkluz xiri ta' karozza gdida tat-tip awtomatic), u spejjez ohra ghat-trasport u l-giri li kellha taghmel: il-Qorti tillikwida din l-ahhar pretensjoni ghal Stg 200 bhala *fuel allowance*; l-ispejjez inkorsi huma gustifikati, u hafna minnhom huma koroborati b'ircevuta. Dan kollu jwassal ghal total ta' Stg 5,920.

"B'hekk, il-kumpens totali dovut lill-atturi huwa ta' Stg 96,000 + Stg 5,920 = Stg 101,920 ekwivalenti ghal Lm63,700."

**Appell**

23. Mis-sentenzi ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2003 u ta' l-1 ta' Gunju 2006 appellat biss is-socjetà Holiday Resorts Limited (già maghrufa bl-isem Ta' Kella Limited) permezz ta' rikors ta' l-Appell prezentata fil-15 ta' Gunju 2006.

24. L-aggravji fuq liema s-socjetà Holiday Resorts Limited tibbaza l-appell taghha mill-imsemmija sentenzi huma bazikament: (i) li l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' sentejn ghaliex huwa dan it-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni sotto esame u mhux it-terminu ta' hames snin kif irriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003; (ii) li s-socjetà Holiday Resorts Limited, kontra dak deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003, ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur nomine; u bla pregudizzju ghall-premess illi (iii) id-danni likwidati mill-ewwel Qorti fis-sentenza ta' l-1 ta' Gunju 2006 huma ezagerati, eccessivi u *inflated*. Bir-rikors ta' l-appell taghha s-socjetà Holiday Resorts Limited titlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2003 billi tirrevokaha in kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u in kwantu sabet ghar-responsabilità tas-socjetà Ta' Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li l-azzjoni attrici hija preskritta u, minghajr pregudizzju ghal dan, li s-socjetà Ta' Kella Limited (illum maghrufa bl-isem Holiday Resorts Limited) tigi dikjaratha li ma hijiex responsabbli ghad-danni pretizi, u tikkonfermaha in kwantu illiberat lis-Sunny Coast Resort Club u lis-socjetà Suncrest Co. Limited mill-osservanza tal-gudizzju; u in kwantu ghas-sentenza ta' l-1 ta' Gunju 2006, bla pregudizzju ghal dak mitlub dwar is-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003, f'kaz li din il-Qorti ma tilqax l-appell mill-imsemmija sentenza tat-3 ta' Lulju 2003, tirriduci l-kwantifikazzjoni tad-danni bil-mod u fis-sens minnha premess u espost fir-rikors ta' l-appell; u f'kaz li invece l-appell mis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 jigi milqugh, tipprovdi a bazi konsegwentement li l-appell minn dik is-sentenza jkun intlaqa'. Bl-ispejjez ta' l-istanzi kollha kontra l-attur nomine.

25. B'risposta pprezentata fil-5 ta' Lulju 2006 l-attur nomine irrespinga t-talbiet tas-socjetà Holiday Resorts Limited in kwantu *"huwa tal-fehma illi s-sentenzi moghtija ill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Lulju 2003 rigward ir-responsabbilita kif ukoll dik tal-1 ta' Gunju 2006 dwar il-*

*likwidazzjoni tad-danni huma gusti u jimmeritaw li jigu konfermati pjenament"*[1].

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

26. Is-socjetà appellanti tibbaza l-ewwel aggravju ta' l-appell taghha fuq il-pretensjoni li *"minn ezami tal-premessi tac-Citazzjoni jirrizulta illi t-termini taghha ma jindikaw ebda vjolazzjoni kontrattwali izda biss illi l-attrici kienet miexja u waqghet, korriet u sofriet danni in konsegwenza. L-esponenti jibda mill-assunt illi mhux kull waqa' jew zelqa fejn wiehed i/tkorri iggib naturalment u inevitabilment teradika* [recte: tirradika] *id-danni ghal min huwa responsabbli ghat-tmexxija tal-post, ghaliex huwa assjomatiku illi trid tigi dimostrata u stabbilita r-responsabilità ta' min imexxi. Ic-citazzjoni attrici li tiddefinixxi l-parametri ta' l-azzjoni ma hemm ebda allegazzjoni ta' nuqqas fil-prestazzjoni kontrattwali ta' l-esponenti. L-impustazzjoni hija wahda vaga generika u kienet l-ewwel Qorti li haditha fuqha li tghid illi l-impostazzjoni kienet a bazi ta' danni kontrattwali, ghaliex ma hemm xejn x'jindika fl-azzjoni u l-istess impustazzjoni tal-kawza hija aktar wahda li tippunta lejn azzjoni delittwali. Anqas ma hemm fic-citazzjoni xi referenza ghal xi allegat nuqqas ta' safety jew standards u kwalunkwe konkluzjoni hija wahda illi kwazi arbitrarjament waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Dan qed jinghad ghaliex indipendentement milli x'ighid bl-akbar rispett l-awturi u l-gurisprudenza in materia, l-ewwel ezami 'in concreto' ghandu jkun fuq l-azzjoni attrici kif premessa u impostata … Ma jidhirx illi gie allegat illi kien hemm xi deficjenza jew nuqqas fis-sistema oggettiva, u lanqas a gie premess illi kien hemm dan in-nuqqas. It-termini tac-Citazzjoni jiddefinixxu u jorbtu l-azzjoni, tant illi t-talba trid tidderiva minnhom."*[2]

27. Minn dan il-bran appena citat mir-rikors ta' l-appell huwa ferm evidenti li ghas-socjetà appellanti huma biss il-premessi kif espressament esposti fl-att ta' citazzjoni illi

[1] Fol. 18 ta' l-atti processwali ta' l-Appell
[2] Paragrafu 5 tar-Rikors ta' l-Appell tas-socjetà appellanti a fol.5 ta' l-atti tal-process ta' l-Appell.

jiddeterminaw in-natura ta' l-azzjoni attrici ossia, hijiex azzjoni ghad-danni *ex contractu* u b'hekk kolpita bil-preskrizzjoni tal-hames snin, jew inkella azzjoni ghad-danni *ex delicto* u ghalhekk kolpita bil-preskrizzjoni tas-sentejn. Ghalkemm huwa minnu li fl-att ta' citazzjoni l-appellat nomine jippremetti limitatament illi l-korriment ta' Doris May Mounfield in segwitu ghall-waqa' hdejn is-*swimming pool* tas-Sunny Coast Resort Club *gara bi htija tal-konvenuti jew ta' min minnhom u ghalhekk huma, in solidum jew xorta ohra jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine* [3] minghajr ma jelabora iktar, huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li ***fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall-"interpretazzjoni gudizzjarja" jew, iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispecji dedotti*** [4].

28. Dan il-principju jinsab enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Gaetano Spiteri pro et noe v. Thomas Castle**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Awissu 1965 [5], u minnu johrog car li fid-determinazzjoni tan-natura tal-htija, u konsegwentement fid-determinazzjoni ta' liema perjodu ta' preskrizzjoni huwa applikabbli ghall-azzjoni istitwita mid-danneggjat, il-Qorti ma ghandhiex toqghod biss fuq il-premessi esposti mill-attur fl-att tac-citazzjoni kif pretiz mis-socjetà appellanti, izda ghandha tikkonsidra u tapprezza l-fattispecie tal-kaz fl-intier taghhom.

29. Oltre dak li ampjament jirrizulta mill-fattispecie tal-kaz in dizamina, huwa ferm importanti ghall-konsiderazzjonijiet li trid taghmel din il-Qorti dwar in-natura ta' l-azzjoni attrici u t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-istess, il-fatt li da parti tas-socjetà appellanti hemm l-adezjoni mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti moghtija fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 illi *l-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici ghandha tkun is-socjetà Ta' Kella Limited, illum maghrufa bhala Holiday Resorts Limited, ghax hija din li taccetta t-turisti u tidhol f'relazzjoni*

[3] Fol.1 ta' l-atti processwali tal-Prim' Istanza.
[4] Enfasi ta' din il-Qorti.
[5] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta – Volu XLIXE – ii – 1027.

*maghhom b'obbligu li taghtihom l-amenities u s-servizzi li jkunu ntitolati ghalihom*[6]*.*

30. Din l-adezjoni tirrizulta konfermata mill-fatt illi fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjetà appellanti titlob il-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 fejn ic-Chairman u membri tal-Management Committee tas-Sunny Coast Resort Club u s-socjetà Suncrest Co. Limited gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex mhux legittimi kontradittturi ta' l-appellat nomine billi, kif inghad, il-legittimu kontradittur hija l-istess socjetà appellanti.

31. B'din l-adezjoni s-socjetà appellanti taccetta li bejnha u Doris May Mounfield hemm, jew ta' l-inqas fiz-zmien ta' l-incident kien hemm, rabta ta' lukandier (is-socjetà appellanti) ma' alloggjat (Doris May Mounfield); rabta li, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003, u kif già jinsab stabbilit fis-sistema guridika taghna (ara, fost ohrajn, is-sentenza fl-ismijiet **Arthur George Lambert et v. Anthony Buttigieg pro et noe et**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' April 1963 [7], citata mill-Ewwel Qorti fl-imsemmija sentenza tat-3 ta' Lulju 2003), tohloq kuntratt, u b'hekk bejniethom tissussisti l-obbligazzjoni pre-ezistenti li l-lukandier jaghti servizz tajjeb u li ma jarrekax danni lill-alloggjat.

32. A skans ripetizzjoni inutili din il-Qorti tadotta bhala taghha u b'hekk tikkonferma l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 dwar ir-responsabilità principali tal-lukandier fil-konfront ta' l-alloggjat [8], ossia li din *"…hija dik derivanti mill-**kuntratt** li hemm ezistenti bejniethom – fejn l-alloggjat jitlob li jigi rez lilu servizz mill-lukandier u l-lukandier jobbliga ruhu li jaghti tali servizz bil-mod korrett"* (enfazi ta' din il-Qorti).

33. Konsegwentement ghalhekk, nuqqas ta' servizz tajjeb fih innifsu u bla ebda fattur accidentali, li johloq

[6] Fol. 411 tal-atti processwali tal-Prim Istanza.
[7] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta – Volum XLVII – iii – 1110.
[8] Fol. 420 sa' 422 ta' l-atti processwali tal-Prim Istanza.

dannu lill-alloggjat jikkostitwixxi inadempjenza kontrattwali da parti tal-lukandier u ghalhekk l-alloggjat ghandu jedd ghal azzjoni ghad-danni naxxenti *ex contractu* fil-konfront tal-lukandier ghall-hsara minnu imgarrba b'konsegwenza tan-nuqqas ta' l-istess lukandier.

34. Dan ir-ragunament gie espress ukoll fil-precitata sentenza **Spiteri pro et noe v. Castle** fejn inghad illi *"Il-colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Ghalkemm fil-Kodici taghna l-grad tal-colpa tant f'kas kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess … cioè dak il-grad ta' colpa li jonqos mill-"istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias" a differenza mil-ligi taljana li biss bil-Kodici tal-1942, abbandunat il-koncett tad-dritt Ruman li "in lege aquila et levissima culpa venit", il-kawza taz-zewg kwalitajiet ta' colpa kienet minn dejjem hekk distinta fil-gurisprudenza numerusa u kostanti patrija ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-perjodu tal-preskrizzjoni … Illi a propositu ta' dana l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi zmien iktar recenti (Busuttil vs. Schembri, 19 ta' Frar, 1954 Kol. Vol. 38, i, sez. 2, pag. 292) waqt li ikkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet wkoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni ta' dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi tal-gudizzju jekk il-colpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew aquiliana; u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur) kienet illi l-***colpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali***. *Illi anke d-duttrina kontinentali recenti hija fis-sens li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall-'interpretazzjoni gudizzjarja' jew, iktar bi precizjoni, ghad-*

*diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispeci dedotti*…" [9].

35. Fid-dawl ta' dawn il-principji guridici din il-Qorti ma tarax kif l-argument tas-socjetà appellanti mressaq fl-ewwel aggravju ta' l-appell taghha, u cioe` illi l-osservazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li l-*"lukanda ma haditx il-misuri biex tassigura illi l-passagg mill-pool ghax-shower ikun safe ghall-klijent … jinkwadra ruhu fid-delitt jew kwazi delitt klassiku fis-sens illi allegatament il-konvenuta ghamlet jew naqset milli taghmel xi haga u b'hekk tinkwadra ruhha fl-azzjoni klassika tad-delitti u kwazi delitti"* [10] jista' jregi. Kontra dak pretiz mis-socjetà appellanti u kif korrettament determinat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Lulju 2003 l-azzjoni istitwita mill-appellat nomine kjarament hija azzjoni ghad-danni nascenti *ex contractu* u ghalhekk preskrivibbli bid-dekors ta' hames snin; terminu li fil-kaz in dizamina ma kienx lahaq iddekorra sa meta l-appellat nomine istitwixxa l-azzjoni odjerna.

36. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju fuq liema s-socjetà appellanti tibbaza l-appell taghha mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2003 qed jigi michud.

37. Bit-tieni aggravju ta' l-appell taghha s-socjetà appellanti tikkontesta u tattakka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2003 fejn instab li hi kienet responsabbli ghall-korriment ta' Doris May Mounfield. Minn ezami ta' dan l-aggravju johrog ferm car li s-socjetà appellanti tikkritika u tikkontesta kemm l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti f'dik is-sentenza, kif ukoll il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Tekniku l-AIC Frederick Doublet fir-relazzjoni peritali tieghu mahlufa fl-14 ta' Jannar 2002[11], liema konkluzzjonijiet gew adottati mill-ewwel Qorti fl-istess imsemmija sentenza tat-3 ta' Lulju 2003. Fir-rigward ta' dan l-aggravju l-ewwel u qabel kollox ghandha ssir referenza ghas-segwenti zewg principji guridici: (a) il-Qorti ta' l-Appell, bhala qorti ta'

---

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.
[10] Fol. 6 ta' l-atti processwali ta' l-Appell.
[11] Fol. 311 ta' l-atti processwali tal-Prim Istanza.

revizjoni, ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi[12] u f'materji ta' rilevanza jew superfluwità ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament ta' l-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi[13]*;* u (b) f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li *"sakemm ma jigux indikati oggezzonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha* [lill-Qorti] *li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux"*[14].

38. Ikkunsidrati l-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku l-AIC Frederick Doublet dwar il-kwalità tal-madum fil-*pool area* fejn zelqet u waqghet Doris May Mounfield u l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Lulju 2003 dwar ir-responsabilità ghall-korriment ta' l-imsemmija Mounfield a bazi ta' l-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, din il-Qorti ma ssib assolutament ebda raguni li ghandha twassalha biex tissossititwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tal-Perit Tekniku u biex tindahal, u b'hekk tiddisturba, l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti. Fir-rikors ta' l-appell taghha s-socjetà appellanti tikkritika l-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku u l-konsegwenti adozzjoni ta' l-istess mill-ewwel Qorti fis-sentenza billi tghid illi *"r-rikostruzzjoni tal-Perit Tekniku saret erbatax-il sena wara l-incident ghaliex l-incident sar fl-1987 u l-Perit acceda fl-2001. Dan ifisser illi kull analisi li saret wara din il-firxa taz-zmien hija difficilment kredibbli u ta' xi utilità vera ghar-rikostruzzjoni tal-fatti, partikolarment meta wiehed jara li l-istess post fejn sar l-incident tbiddel mhux ftit sal-gurnata meta sar l-access. Il-prova li hija verament rilevanti u kredibbli hija dik illi nghatat fiz-zmien rilevanti min-nies illi raw u kienu jafu l-post u l-incident u mhux rikostruzzjoni li saret snin wara"*[15].

[12] **Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe, Appell Civili Nru. 798/2000** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu 2003.

[13] **Hilda Debrincat v. Mario Farrugia et, Appell Civili – Ghawdex Nru. 5/2001** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-14 ta' Lulju 2004.

[14] **Dingli Estates & Co. Ltd v. Ronald Mangion, Citaz. Nru. 2573/00RCP** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 citata fis-sentenza **Perit Frank Giordimaina Medici noe v. Pio Camilleri, Citaz. Nru. 840/93TM** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003.

[15] Para. 9 tar-Rikors ta' l-Appell a fol. 7 ta' l-atti processwali ta' l-Appell.

39. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tas-socjetà appellanti, partikolarment mas-sottomissjoni li kull analisi li saret wara din il-firxa taz-zmien hija difficilment kredibbli u ta' xi utilità vera ghar-rikostruzzjoni tal-fatti, partikolarment meta wiehed jara li l-istess post fejn sar l-incident tbiddel mhux ftit sal-gurnata meta sar l-access. Ta' min jinnota li l-bidla li tirriferi ghaliha s-socjetà appellanti tikkonsisti fis-sostituzzjoni tan-non-slip matting li kien hemm mad-dawra tal-*pool* fiz-zmien meta sehh l-incident b'madum tal-konkos raff. Dwar dan il-madum partikolari l-Perit Tekniku irrileva li *"huwa mikul u affettwat mill-elementi u l-ilma bahar tal-pool li jtellghu in-nies maghhom. Il-kondizzjoni tal-madum illum jaghtihom proprjetà li jirreziztu ghaz-zlieq, u forsi ghalhekk hija r-raguni ghaliex ma ghadux jintuza tapit"*[16]. Izda, ta' rilevanza fondamentali ghall-kaz in ezami, kif sewwa irriteniet u kkunsidrat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Lulju 2003 [17], hija l-osservazzjoni u konsegwenti konkluzjoni tal-Perit Tekniku dwar il-madum fil-kumplament ta' l-arja madwar il-*pool* li ma jidhirx li gie mibdul miz-zmien ta' l-incident 'l hawn, billi l-affermazzjoni ta' l-appellat nomine hija li Doris May Mounfield zelqet u waqghet fuq il-madum madwar il-*pool* li fiz-zmien ta' l-incident ma kienx kopert bin-*non-slip matting*. Dwar il-kumplament tal-madum madwar il-*pool* l-Perit Tekniku ikkonstata li dan *"…ma hux yard-type, izda lixx. L-esponent ikkonstata li dan il-madum huwa maghruk u mhux polished. Madum lixx imxarrab jizloq hafna, minkejja li ma jkunx polished. Bil-melh tal-ilma bahar ikun jizloq aktar ghax dan il-melh imxarrab jahdem bhala lubrikant. Mhix prattika tajba li wiehed jaghmel madum jew wicc lixx madwar swimming pool, partikolarment meta din tista' tiehu hafna nies dehlin u hergin minnha jew jiccirkolaw madwarha. Illi fl-opinjoni tal-esponenti il-madum madwar is-slide fejn sar l-incident ma kienx ghadu sar mikul (pitted) bhal lum dakinhar ta' l-incident u allura ghar-ragunijiet imsemmija fuq ma kienx jirrezisti ghaz-zlieq*

[16] Para.23.4 tar-Rapport tal-Perit Tekniku a fol. 346 ta' l-atti processwali tal-Prim Istanza.
[17] Fol. 423 ta' l-atti processwali tal-Prim Istanza.

*(non-slip)"* [18]. Ghalkemm is-socjetà appellanti tikkontesta dawn il-konstatazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku, fil-verità ma gabet ebda prova li sodisfacentement ixxejjen l-istess u li ghandha twassal lil din il-Qorti biex tiskartahom, kif minnha pretiz.

40. Dwar id-determinazzjoni tar-responsabilità ghall-incident u konsegwenti korriment ta' Doris May Mounfield, is-socjetà appellanti tikkontendi wkoll li l-prova li hija verament rilevanti u kredibbli hija dik illi nghatat fiz-zmien rilevanti min-nies illi raw u kienu jafu l-post u l-incident u mhux rikostruzzjoni li saret snin wara. Tafferma li l-unika persuna li ta xhieda cara, konkreta u kredibbli dwar dawn l-aspetti huwa Angelo Xuereb filwaqt illi x-xiehda moghtija minn Doris May Mounfield u zewgha William Mounfield ma hijiex kredibbli u verosimili, u b'hekk ma kellhiex tigi accettata mill-ewwel Qorti bhala prova sodisfacenti tal-akkadut. Issa, mix-xiehda li taw kemm Doris May Mounfield u zewgha William Mounfield kif ukoll Angelo Xuereb jidher car li l-partijiet kontendenti qed jaghtu verzjonijiet kompletament differenti dwar kif u ghaliex sehh l-incident li fih sfat feruta l-imsemmija Doris May Mounfield. L-appellat nomine jikkontendi li hdejn is-*slide* tas-*swimming pool* ma kienx hemm *non-slip matting* u b'hekk Doris May Mounfield u zewgha, li kienu diretti lejn ix-*showers* kienu kostretti jimxu fuq il-madum imxarrab bil-konsegwenza li Doris May Mounfield zelqet u waqghet u sfat feruta. Is-socjetà appellanti, tramite r-rapprezentant taghha Angelo Xuereb, tikkontendi invece li fejn zelqet u waqghet Doris May Mounfield kien hemm *non-slip matting* u ghalhekk la Mounfield zelqet u waqghet sinjal li dan sehh b'tort taghha stess. Is-socjetà appellanti tippretendi li din il-kontradizzjoni bejn il-versjonijiet tal-partijiet kontendenti ghandha twassal ghall-konkluzjoni illi l-appellat nomine ma rnexxilux jipprova l-pretensjonijiet tieghu u b'hekk hi, bhala parti imharrka, ma ghandhiex tinstab responsabbli ghall-incident u konsegwenti korriment ta' Doris May Mounfield.

[18] Paras. 23.7, 23.8 u 24 tar-Rapport tal-Perit Tekniku a fol. 347 u 348 ta' l-atti processwali tal-Prim Istanza.

41. Fir-rigward ta' din il-kontestazzjoni tas-socjetà appellanti ghandu jigi ikkunsidrat il-principju li meta l-Qorti tinsab iffaccjata b'zewg versjonijiet kontrastanti l-kaz jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilità u verosomiljanza tal-versjonijiet moghtija mill-partijiet. Fis-sentenza fl-ismijiet **Farrugia v. Farrugia** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966, citata fis-sentenza fl-ismijiet **George Bugeja v. Joseph Meilak Citaz. Nru. 462/02** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003, inghad illi l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.

42. Fil-precitata sentenza **Bugeja v. Meilak** il-Qorti kompliet tghid: *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", 'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dawk l-istat ta' perplessità li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo'".*

43. Din il-Qorti regghet ezaminat ix-xiehda moghtija minn Doris May Mounfield u zewgha William Mounfield kif ukoll ix-xiehda moghtija minn Angelo Xuereb u ghalkemm il-versjonijiet taghhom huma kontrastanti hi, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma ghandha ebda dubju li l-versjoni tal-fatti

dwar kif sehh l-incident fil-11 ta' Awissu 1987 moghtija minn Mounfield u zewgha hija iktar verosimili u kredibbli mill-ispjegazzjonijiet astratti moghtija minn Angelo Xuereb. Il-konjugi Mounfield xehdu dwar fatti attwalment determinabbli u determinati, filwaqt illi Xuereb ibbaza d-difiza tal-posizzjoni tas-socjetà minnu rapprezentata mhux fuq fatti izda fuq diskursati astratti dwar il-logika u sens komun. Ghalhekk din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li ghall-korriment ta' Doris May Mounfield hija unikament responsabbli s-socjetà appellanti in quanto naqset li tipprovdi *"una organizzazzione idonea a garantire l'integrità e la sicurezza … della persona del cliente"* [19].

44. Ghaldaqstant, it-tieni aggravju fuq liema s-socjetà appellanti qed tibbaza l-appell taghha mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Lulju 2003 qed jigi michud ukoll.

45. Nigu, issa ghat-tielet aggravju. Bit-tielet aggravju ta' l-appell taghha s-socjetà appellanti tattakka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ta' l-1 ta' Gunju 2006 fejn giet likwidata s-somma ta' Lm63,700 bhala rapprezentanti d-danni li ghandhom jithallsu mill-imsemmija socjetà lill-appellat nomine. In partikolari s-socjetà appellanti tattakka l-kriterji ta' dizabilità u l-*quantum* tal-paga adottati mill-ewwel Qorti, u l-fatt li ma sar ebda tnaqqis ghal *lump sum payment*.

46. Fl-incident in kwistjoni Doris May Mounfield sofriet ksur fl-ghadma tal-"humerus" tax-xellug kif ukoll ksur fl-ghadma t'isfel tar-"radius" tax-xellug (*Colles' fracture*). Il-ksur tal-ghadam fieq tajjeb izda Mounfield sofriet minn kumplikazzjoni maghrufa bhala *reflex sympathetic dystrophy*. Minhabba din il-kundizzjoni, hija tbati minn ugiegh, nefha u nuqqas ta' moviment shih u ta' sensazzjoni fl-id u d-driegh t'isfel tax-xellug.

47. L-ewwel Qorti nnominat tlett esperti medici biex jezaminaw lil Doris May Mounfield: espert fin-newrologija – il-konsulent Dottor Anthony Galea Debono, espert fl-

[19] Fol. 425 ta' l-atti processwali tal-Prim Istanza.

ortopedija – il-kirurgu Mr. Charles Grixti, u espert fil-psikologija – Dr. Joan Camilleri[20]. It-tlett esperti medici rispettivament ikkonkludew illi b'konsegwenza ta' l-incident li sehh fil-11 ta' Awissu 1987, Doris May Mounfield sofriet dizabilità permanenti ta' 50% - determinat mill-Ispecjalista Dottor Anthony Galea Debono; sofriet dizabilità permanenti ta' 10% - determinat minn Mr. Charles Grixti; u mil-lat psikologiku sofriet disabilità permanenti ta' 25% - determinat minn Dr. Joan Camilleri. Is-socjetà appellanti ghall-ewwel talbet in-nomina ta' periti addizzjonali fir-rigward tat-tlett rapporti medici izda, finalment insistiet biss ghan-nomina ta' periti perizjuri biss a rigward ir-rapport tal-konsulent Dottor Anthony Galea Debono. Il-periti addizzjonali Dottor Josianne Aquilina, Dottor Norbert Vella u Dottor Laurence Zrinzo ikkonkludew li b'konsegwenza ta' l-incident meritu tal-proceduri, Doris May Mounfield sofriet dizabilità permanenti ta' 25%.

48. L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ta' l-1 ta' Gunju 2006, irrimarkat illi meta, b'konsegwenza ta' incident, persuna issofri diversi gradi ta' disabilità permanenti, ghandu jigi adoperat il-kriterju maghruf bhala *weighted average* fejn id-diversi gradi ta' disabilità permanenti rizultanti jigu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni *a priori* li l-molitiplicità tal-feriti jigu komputati komplessivament. Bil-kriterju tal-*weighted average* ghandu jittiehed bilanc tar-rizultanzi ta' l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali tad-danneggjat. Dan il-principju huwa bbazat fuq l-insenjament li johrog mis-sentenza fl-ismijiet **Butler v. Heard**[21] deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru 1967 illi *"dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacità f'sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat"* [22]*.* Fuq il-bazi ta' dan ir-ragunament l-ewwel Qorti adottat rata ta' dizabilita` ta' 40%.

---

[20] Vide fol. 427 ta' l-atti processwali tal-Prim Istanza.
[21] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta – Volum LIB – i – 488.
[22] **Sylvia Degiorgio et v. Massimiliano Da Crema, Citaz. Nru. 1152/94** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004.

49. Dwar il-kriterju ta' dizabilità adottat mill-ewwel Qorti fis-sentenza ta' l-1 ta' Gunju 2006, is-socjetà appellanti tikkontendi li *"l-esponenti tinnota illi ma nghatat ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni ghaliex l-ewwel Qorti addottat weighted average fir-rata ta' 40% dizabilità. Kull ma ghamlet l-ewwel Qorti kienet illi rriproduciet xi frammenti gurisprudenzjali. Filwaqt illi wiehed jifhem illi hemm necessarjament margini ta' apprezzament prudenti f'kull gudizzju, hija lampanti kull nuqqas ta' motivazzjoni jew spjegazzjoni tar-ragunament tal-Qorti, u dan partikolarment meta fir-rigi ta' qabel, l-istess Qorti stqarret illi ser toqghod fuq il-grad ta' disabilità tal-Periti Addizzjonali tal-25%. Bl-akbar rispett, l-esponenti jidhrilha illi taghha hija aspettativa legittima illi l-Qorti tirrifletti u tghid ghaliex waslet ghall-weighted average f'dak il-percentagg, partikolarment meta l-bazi tal-konkluzjoni ma hija xejn evidenti"* [23].

50. Din il-Qorti tqis li l-kritika tas-socjetà appellanti fir-rigward tal-mod kif l-ewwel Qorti waslet ghad-determinazzjoni tad-disabilità permanenti sofferta minn Doris May Mounfield b'konsegwenza ta' l-incident li sehh fil-11 ta' Awissu 1987 fi grad ta' 40% hija pjuttost gustifikata. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-kwantifikazzjoni tad-disabilità permanenti sofferta minn Doris May Mounfield fi grad ta' 40% kif stabbilita fis-sentenza appellata hemm lok li tigi ridotta fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tistabilixxi d-dizabilita` permanenti ta' Mounfield fi grad ta' tletin fil-mija (30%). Il-Qorti waslet ghal din ic-cifra bazikament billi adottat ic-cifra ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li kienu waslu ghaliha l-imsemmija periti addizzjonali cioe` t-Tobba Aquilina, Vella u Zrinzo, b'zieda ta' hamsa fil-mija (5%) ohra biex tkopri kwalunkwe dannu mil-lat psikologiku li setghet sofriet l-istess Mounfield. Partikolarment din il-Qorti qieset u tat piz ghas-segwenti fatturi fost ohrajn:-

(a) li l-esperti tal-Qorti ezaminaw l-attrici madwar sbatax (17) il-sena wara li kien sehh l-incident. Infatti dan gara fil-11 ta' Awissu 1987 u l-ewwel periti

[23] Para. 17 tar-Rikors ta' l-Appell a fol. 11 ta' l-atti processwali ta' l-Appell.

ezaminawha f'Jannar 2004 waqt li l-periti addizzjonali rawha fis-27 ta' Awwissu 2005. Fil-kors normali tal-affarijiet is-sahha fizika u psikologika tal-bniedem x'aktarx li tmur lura aktar ma wiehed jikber fl-eta`;

(b) li l-Qorti fehmet li almenu f'dan il-kaz partikolari, ma tistax tifred id-dizabilita` ortopedika minn dik tan-nervituri. Infatti il-perit kirurgiku ortopediku Charles Grixti a fol. 504/5 xehed hekk:

"Dak li ghandha l-persuna li jiena ezaminajt jien iddiskrivejtu bhala *reflex sympathetic dystrophy*. Li hija kondizzjoni li tikkomplika l-fratturi. Din id-disordni fil-fatt fil-kaz hija kemm ta' natura ortopedika kif ukoll tan-nervituri u fil-fatt taqa' taht il-kompetenza taghna ghax ma tistax taqta' l-*orthopedic* minn nervituri ghax in-nervituri huwa parti mill-ezami ortopediku li wiehed jaghmel. Din hija kondizzjoni li taqa' direttament taht il-kura tal-*orthopedic surgeon*."

Fid-dawl ta' din ix-xhieda certament ma hemmx lok li r-rata ta' dizabilita` stabbilita mill-esperti fin-newrologija tigi mizjuda mar-rata ta' dizabilita` stabbilita mill-perit ortopediku.

(c) li l-incident sehh meta l-attrici kellha 48 sena. Jirrizulta li wara l-incident hija baqghet tahdem ghalkemm kellha tbiddel ix-xoghol li kienet taghmel qabel, cioe` dak ta' *District Nursing Sister*, u ghalhekk kellha tnaqqas is-sieghat ta' xoghol li kienet taghmel. B'hekk sofriet nuqqas konsiderevoli fid-dhul taghha. Jirrizulta li hija irtirat mix-xoghol fis-sena 1997 meta hija kellha 58 sena;

(d) Jirrizulta li l-hajja generali taghha giet affettwata negattivament minhabba l-incident in kwistjoni. Madanakollu, din il-Qorti ma hijiex daqshekk konvinta li l-attrici m'ghamlitx dak li setghet biex, ghall-fini ta' din il-kawza, tkabbar l-effetti negattivi tal-incident fuq il-hajja psikologika taghha. Dana qieghed jinghad ukoll in vista' ta' dak li l-attrici stess kitbet cirka sena wara li sehh l-incident in kwistjoni meta hija stqarret hekk, fl-ittra taghha

tat-2 t'Awwissu 1988 miktuba lil Mrs. P. Taylor, *Manager – Community Nursing and Pre School Health Services* (ara fol. 286):

"*I would like to point out that my temporary handicap is with my left arm and not with the rest of my body or my decision making ability, neither has my determination been impaired*".

51. Illi ghalhekk dan l-ewwel aspett tat-tielet aggravju tal-appellant hemm lok li jintlaqa' ghaliex din il-Qorti taqbel ma' l-appellant li l-grad ta' dizabilita` permanenti tal-attrici kif stabbilit mill-ewwel Qorti huwa esagerat. Kif diga` intqal hija l-fehma ta' din il-Qorti li r-rata ta' dizabilita` ta' tletin fil-mija (30%) hija ferm aktar gusta u realistika.

52. Il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra z-zewg aspetti l-ohra tat-tielet aggravju tal-appellant. Is-socjetà appellanti tikkritika lill-Ewwel Qorti ghaliex fis-sentenza ta' l-1 ta' Gunju 2006 adottat bhala *base earnings* ghall-fini tal-kalkolu tal-*lucrum cessans* is-salarju percepit minn Doris May Mounfield fir-Renju Unit flok l-livell tal-paga medja hawn Malta. Il-Qorti ghal darb' ohra ma tistax taqbel ma' dawn il-kontestazzjonijiet tas-socjetà appellanti u dana billi huma ghal kollox guridikament zbaljati w addirittura jirrazentaw il-fieragh. F'materja ta' hlas ta' danni l-Artikolu 1045(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija* ***t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet taghmel minhabba l-hsara, it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali*****.**

53. Andrea Torrente fil-ktieb ***Manuale Di Diritto Privato*** jghid illi *il risacericmento, di solito, si opera 'per equivalente' vale a dire attribuendo alla vittima una somma di denaro commisurata alla entità del pregudizio cui si intende porre riparo*[24]*.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Agency Limited noe et v. Martin Saliba**,

[24] Para. 431 pagna 432.

deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Mejju 2001, oltre din ic-citazzjoni u ohrajn, gie citat ukoll dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **George Gatt v. Francis E. Carbone noe**, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummercjali) fis-7 ta’ Lulju 1998: *il-ligi gustament trid li l-persuna danneggjata, tigi rizarcita; cioè titpogga f’sitwazzjoni mhix aghar, kwantu ghal-‘lucrum cessans’ u ‘damnum emergens’ milli kienet qabel l-infortunju. Il-ligi trid li l-hsara tigi rizarcita, mhux li l-infortunat jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu*. Fid-dawl ta’ dawn il-principji guridici, ghalhekk, l-ewwel Qorti gustament applikat bhala *base earnings* il-valur tas-salarju percepit minn Doris May Mounfield gewwa r-Renju Unit u mhux il-paga medja percepita minn impjegat hawn Malta. Id-dannu li ghandu jithallas l-appellat nomine ghandu jirrispekkja it-telf attwali li garrbet Doris May Mounfield bl-incident li sehh fil-11 ta’ Awissu 1987 u l-konsegwenti korriment taghha.

54. Fl-ahhar nett is-socjetà appellanti tikkritika s-sentenza pronuncjata mill-Ewwel Qorti fl-1 ta’ Gunju 2006 ghaliex ma inghatax it-tnaqqis minhabba l-fatt li l-hlas sejjer isir f’daqqa. Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-*lump sum payment* jinghad illi r-ratio ta’ din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta’ l-incident u data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perjodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni [25] ghaliex kif inghad fis-sentenza **Lawrence Caruana v. Anthony Falzon**, deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-5 ta’ Ottubru 2001 *“…jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma kellux jimmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet id-danni.”*

55. Applikati dawn il-principji guridici ghall-fatt illi l-incident li fih korriet Doris May Mounfield sehh fil-11 ta’ Awissu 1987 u l-vertenza giet determinata in prim istanza finalment fl-1 ta’ Gunju 2006 (wara li kien hemm ukoll appell precedenti lil din il-Qorti, kif rajna aktar ‘l fuq), u fl-

[25] **Middle Sea Insurance Company Limited et v. Stuart Psaila** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Ottubru 2004.

appell bis-sentenza odjerna, din il-Qorti hija tal-fehma li kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, mhux lok li jsir tnaqqis ghal-*lump sum payment*. Jigi nnutat, finalment, li l-appellant mhux jilmenta mill-*multiplier* li gie adottat mill-ewwel Qorti. Lanqas ma huwa jilmenta mis-somma ta' Stg 5,920 likwidata mill-ewwel Qorti bhala *damnum* emergens.

**Decide**

56. Konsegwentement, in vista tal-fatt li din il-Qorti laqghet in parte l-appell tal-appellant, kif inghad fil-paragrafu 51 *supra*, hemm lok li din il-Qorti tillikwida l-kumpens dovut lil Doris May Mounfield b'dan il-mod:-

GBP Sterling 20,000 x 12 x 40% = GBP Sterling <u>72,000</u>

Ma' din l-ahhar imsemmija somma trid tizdied is-somma ta' GBP 5,920 dovuta bhala *damnum emergens*, biex b'hekk il-kumpens komplessiv dovut lill-attrici huwa ta' GBP 77,920. Dan l-ammont (bir-rata prevalenti ta' 0.8864) huwa ekwivalenti ghas-somma ta' EUR 87,906 (sebgha u tmenin elf disgha mija u sitt Ewro) u ghandu jithallas bl-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza li sabet ir-responsabilita`, u cioe` mit-3 ta' Lulju 2003 sal-pagament effettiv.

57. Ghal dawn il-motivi u fis-sens premess tipprovdi hekk ghall-appell interpost mis-socjeta` appellanti:-

(i) tichad l-appell in kwantu jolqot is-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 u tikkonferma l-istess sentenza;

(ii) tilqa' l-appell maghmul fil-konfront tas-sentenza ta' l-1 ta' Gunju 2006 in parte u fis-sens premess u ghalhekk tirrevoka l-istess sentenza kwantu ikkundannat lis-socjeta` konvenuta Ta' Kella Limited (illum Holiday Resort Limited) thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm63,700 (tlieta u sittin elf u sebgha mitt Liri Maltin) bhala danni, u minflok tikkundanna lill-istess socjeta` li thallas lill-istess attur nomine is-somma ta' EUR 87,906 (sebgha u tmenin elf disgha mija u sitt Ewro) bhala danni

u tikkonfermaha in kwantu kkundannat lill-istess socjeta` thallas l-istess danni bl-imghax legali mid-data tas-sentenza li sabet ir-responsabilita`, u cioe`, mit-3 ta' Lulju 2003 sal-pagament effettiv.

Fl-ahharnett tordna:-

(a) li l-ispejjez kollha konnessi ma' l-appell mis-sentenza tat-3 ta' Lulju 2003 jibqghu kollha a kariku tas-socjeta` Ta' Kella Limited (illum Holiday Resort Limited);

(b) li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza u ta' din it-tieni istanza konnessi mas-sentenza tal-1 ta' Gunju 2006 jithallsu kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta` ta' Kella Limited (illum Holiday Resort Limited) u kwantu ghar-rimanenti terz mill-attur nomine b'dana pero` li d-dritt imhallas lill-Perit Mediku Dr. Anthony Galea Debono ghandu jibqa' sopportat mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------